**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 44/18 AL

AB

u

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha (7) t'April, tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) (vide certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. 'GR-1') u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg ulied u cioe' V li twieldet fit-tnejn (2) t'Ottubru, 1994 u R li twieled fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, 1996, liema ulied huma illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Carmel Gafa' datat sitta (6) ta' Settembru, tas-sena elfejn u wiehed (2001);

Illi m'hemm l-ebda manteniment jew arretrati dovuti f'dan l-istadju, la favur l-ulied u l-anqas favur il-mara jew ir-ragel, stante illi l-kundizzjonijiet hekk elenkati fil-kuntratt ta' separazzjoni, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'GR-2', kollha gew irrispettati;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn hmistax (15) il-sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxun;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Frar, 2018;

Rat l-affidavit kongunt bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-6 ta' Settembru, 2001;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.